MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 38/2013

**A B C**

**vs**

**D C (Karta tal-identita numru,
Direttur tar-Registru Pubbliku, Y M T u b'digriet tas-26 ta' Marzu 2013 H O giet nominata bhala kuratur deputat biex tirrapprezenta lill-minuri P N OC B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti u l-konvenut D C kienu izzewgu, izda xi snin ilu huma sseparaw minn xulxin u bdew proceduri ta' separazzjoni legali, liema proceduri ghadhom pendenti;
2. Illi fil-pendenza tal-proceduri ta' separazzjoni, u meta l-istess esponenti u D C ma kienux ghadhom jghixu flimkien, l-esponenti bdiet relazzjoni mal-konvenut M T, minn liema relazzjoni fl-1 ta' Dicembru 2011 twieled il-minuri P N O, u liema twelid sussegwentement gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta' Malta bl-Att bin-Numru Progessiv 91 ta' l-2012 (dokument A);
3. Illi r-registrazzjoni saret mill-omm, cioe' l-esponenti, u fic-cirkostanzi hija ma kellhiex ghazla li tirregistra l-imsemmija tarbija fuq isem il-missier naturali tat-tarbija, ghax kellu necessarjament jitnizzel fuq isem ir-ragel tal-esponenti;
4. Illi l-konvenut M T huwa l-missier naturali ta' l-imsemmi P N O, kif anke jirrizulta mir-rizultati relattivi tad-DNA datati 3 ta' Lulju 2012 (dokument B);
5. Illi l-attrici ghandha interess li l-konvenut Y M T jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri, u li dan jigi rifless fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri;
6. Illi l-attrici taf dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-konvenut D C mhuwiex missier il-minuri Prince Benaih Ayomipo, imma huwa l-konvenut Y M T il-missier ta' l-istess;
2. Tordna li l-att tat-twelid tal-minuri P N O li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 91 ta' l-2012 jigi korrett fis-sens li bhala partikolaritajiet tal-missier tat-tarbija, fil-kolonna li tindika **isem u kunjom il-missier** il-kliem **D C** jigi sostitwit bil-kliem **Y M T**; fil-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm, z-zewg kelmiet 'the said' jigi ikkancellati; fil-kolonna intestata "Id-Dokument ta' l-Identita'" in-numru ta' identifikazzjoni tal-missier **0142855M** jigu sostitwit bin-numru ta' identifikazzjoni **0063451A**; fil-kolonna li tindika l-eta' tal-misiser, in-numru **56** jigi sostitwit bin-numru **43**; fil-kolonna li turi l-post tat-twelid tal-genituri, dak tal-missier cioe' il-kliem **SENGLEA MALTA**

jigu sostitwiti bil-kliem **BALHAM LONDRA INGILTERRA**; id-dettalji ta’ fejn joqghod il-missier jibqghu kif inhuma; u fil-kolonna intestata “Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet”, il-kliem **Q C (ALIVE)** ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem **Z T (DEAD)**;

3. Tordna wkoll li fil-kolonna intestata “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha”, il-kunjom **C B** ghandu jigi sostitwit bil-kunjom **T B**;

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri P C B, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-**Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri P C B, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal proċediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternita’ tal-minuri P N OC B, l-esponent naturalment m’huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel P C B, hija kellha relazzjoni extramaritali ma’ l-intimat Y M T, u dan *ai termini* tal-**Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta’ l-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’**

**Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri P C B ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 91 tas-sena 2012;

5. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-intimat Y M T sabiex permezz ta' nota jispeċifika il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit tifel minuri P bin-numru ta' registrazzjoni progressiv: 91 ta' l-2012;

6. Illi bla ħsara ghal premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem "A B C Nee' B", senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-twelid bin-numru ta' reġistrazzjoni 91 tas-sena 2012.

7. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut direttur;

Rat in-nota ta' Y M T, li permezz taghha iddikjara:

Illi l-attrici qed taghmel din il-procedura ta' filjazzjoni ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodici Civili sabiex binha P N Ojigi registrat fuq il-misiser naturali tieghu, u cioe' l-esponenti konvenut Y M T, flok fuq isem zewgha il-konvenut l-iehor D C;

Illi filwaqt li ma hemmx talba biex jinbidel il-post ta’ residenza tal-missier tat-tarbija, l-esponent ghal kull buon fini jiddikjara li l-lokalita “St Q’s Bay” hija tajba u ghandha tibqa’ l-istess kif inhi permess li meta twieled l-imsemmi minuri, l-esponenti Y M T kien ukoll jghix San Pawl il-Bahar;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ tal-minuri P N O *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieled nhar l-1 ta’ Dicembru 2011[1] twieled fiz-zwieg *stante* li hi u zewgha l-intimat D C kienu ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-istess intimat imsemmi, l-istess minuri mhux ibnu naturali izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor Y M T. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza ir-rikorrenti qieghda titlob lil-Qorti sabiex tiddikjara li D C mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti b’dawk tal-intimat Y M T.

**<u>Il-Verzjoni tar-Rikorrenti</u>**

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process

Permezz tal-affidavit taghha[2] l-attrici tghid li giet Malta fis-sena 2004 u zzewget lill-intimat D C fis-sena 2008. Frott ta' dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Tghid li z-zwieg taghhom tkisser fis-sena 2009 b'dan li fis-sena 2010 bdew jghixu b'mod separat ghalkemm taht l-istess saqaf. Fis-sena 2011, marret tghix f'post iehor u bdew il-proceduri ta' separazzjoni. Kien wara dan kollu li ltaqghet mal-intimat l-iehor Y T u bdiet ir-relazzjoni taghha mieghu. Frott ta' din ir-relazzjoni ma' Y T twieled il-minuri P N O. Il-minuri m'huwiex il-wild naturali ta' zewgha D C izda, minhabba ragunijiet ta' presunzjonijiet legali, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri kellu jitnizzel li l-minuri huwa iben l-intimat D C. Saru t-testijiet tad-DNA u gie konfermat li l-minuri huwa l-wild ta' Y T. Tghid li ghalkemm D C konxju ta' dan kollu, bl-ebda mod ma ried jikkopera u ghalhekk kellha tinfetah il-kawza odjerna.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[3], l-intimat Y M T jghid li ltaqa' mal-attrici fis-sena 2010 b'dan li r-relazzjoni taghhom bdiet lejn l-ahhar tas-sena 2010. Jghid li fis-sena 2011, l-attrici kellha l-problemi ma' zewgha D C tant li ma kienitx qed torqod fl-appartament tieghu. Jikkonferma li frott tar-relazzjoni taghhom twieled il-minuri P tant li kien prezenti wkoll ghat-twelid tal-istess tarbija. Jghid li sa' fejn jaf hu, D C qatt ma ra din it-tarbija izda minhabba l-presunzjonijiet legali, fic-certifikat tat-twelid kellu jitnizzel li l-istess D C huwa l-missier biologiku tal-istess tarbija. Jghid li saru t-testijiet tad-DNA li kkonfermaw li huwa l-missier tat-tarbija b'dan li hu u l-attrici, li ghadhom f'relazzjoni stabbli, assumew ir-responsabbilitajiet ta' genituri.

**<u>Il-Kaz Odjern</u>**

[2] Esebit a fol 56 tal-process
[3] Esebit a fol 57 tal-process

Dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija relatata mar-rekwizit li din il-kawza kellha tkun preceduta b'rikors u l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti biex tipprocedi bl-istess kawza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 77C, l-Qorti tirrileva li din gie survolata permezz tal-istess rikors u cioe' dak datat 26 ta' Frar 2014, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat 20 ta' Marzu 2014 (fol. 60 tal-process). Dan necessarjament ifisser li l-ewwel eccezzjoni hija survolata;

Dwar il-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li tirrelata dwar il-post tar-residenza tal-intimat Y M T, jidher li din hija wkoll survolata peress li l-post indikat huwa San Pawl il-Bahar u konsegwentement m'hemm ebda bzonn ta' bidla fil-lokalita' mnizzla fuq ic-certifikat tal-minuri. Konsegwentement jidher li din l-eccezzjoni hija survolata.

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri mhux il-wild naturali tal-intimat D C u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[4] jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat M Y T huwa l-missier naturali tal-minuri u konsegwentement l-intimat D C ma jistax ikun il-missier tal-istess minuri. Ghalhekk jidher car li r-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri P N OC B mhux il-wild naturali tal-intimat D C *stante* li permezz tal-istess test xjentifiku, filwaqt li l-intimat Y M T gie indikat bhala l-missier naturali tal-istess minuri, l-intimat l-iehor D C gie (bhala konsegwenza) eskluz li huwa l-missier naturali. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li tali fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din l- Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhijiex il-wild naturali tal-intimat D C.

[4] Esebit a fol 5 tal-process

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghmel prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali msemmija minnha stess. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-Qorti terga' taghmel referenza ghall-aqwa prova li fil-fatt giet esebita in atti u cioe' d-DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. L-Qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti li juri bhala stat ta' fatt li l-intimat D C mhuwiex il-missier naturali tal-minuri u ghaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjonijiet legali kollha u wriet bic-car li l-intimat D C li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kien ghadu zewgha, mhux il-missier naturali tal-minuri b'dan li missier l-istess minuri huwa l-intimat l-iehor L T.

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat D C m'huwiex il-missier tal-minuri P N O izda l-missier naturali tal-istess minuri huwa l-intimat l-iehor Y M T;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-att tat-twelid tal-minuri bin-numru 91 tal-2012 jigi korrett fis-sens li l-konnotati tal-intimat D C jigu kancellati (ghajr ghall-post tar-residenza fiz-zmien it-twelid tal-minuri li ghandu jibqa' dak indikat ta' San Pawl il-Bahar) minflok jigu sostituti bis-segwenti dettalji tal-intimat Y M T bil-karta tal-identita' 0063451A li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri kellu 43 sena,

iben Z Atrell li kien diga’ mejjet fiz-zmien tat-twelid tal-minuri, mwieled gewwa Balham, Londra f’Ingilterra;

(3) Tilqa’ t-tielet talba u tordna li kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta’ T B.

Il-Qorti tordna illi l-kliem “the said” li jinsabu qabel isem “ABC nee` B”, taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 91 tal-2012.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------